**QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMHALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel.,**
**Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 16 ta' Frar, 2017

Rikors numru : 567/16 AL

AB
VS
CB

Il-Qorti:

Rat ir-rikors illi gie ikkonfermat bil-gurament mir-rikorrenti, li permezz tieghu ppremettiet :

1. Illi l-partijiet isseparaw permezz ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Pierre Attard tal-1 ta' Settembru 2006 (Dok. A);

2. Illi tali kuntratt gie emendat recentement permezz tal-kuntratt anness bhala Dok. B li jifforma parti integrali mill-kuntratt originali (u li fil-fatt kien previst illi jsir ai termini tal-istess), imma li pero` jirrelata biss mal-procedura tal-likwidazzjoni tal-atti komuni stipulata, u ma jaffettwax il-fatt illi l-partijiet ilhom separati legalment 'il fuq minn ghaxar snin u ilhom separati *de* facto iktar minn hekk;

3. Illi l-esponenti tixtieq illi z-zwieg imsemmi jigi mahlul u tiddikjara:

   a) Illi ghaddew iktar minn erba` snin minn meta l-partijiet isseparaw sija de facto u sija legalment u qatt ma kien hemm ebda rikonciljazzjoni fil-fratemp;
   b) Illi ma hemm ebda prospett ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet;
   c) Illi ma hemm ebda arretrati ta' manteniment dovuti, minn ebda naha, billi z-zewg partijiet irrinunzjaw ghal kull dritt ghal manteniment u billi l-uniku wild taghhom, binhom Simon, huwa maggorenni u mizzewweg u jahdem;
4. Illi ghaldaqstant jissussistu l-elementi kollha rikjesti mil-ligi sabiex dina l-Qorti tholl iz-zwieg imsemmi u taghti digriet ta' divorzju skont il-ligi;
5. Illi l-esponenti, filwaqt illi tiddikjara li waqt il-hajja mizzewga kienet maghrufa bhala "Simone Pace Busuttil", tixtieq tirriverti ghal kunjom xbubitha Busuttil;

Talbet li l-intimat jghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex :

1.Tholl iz-zwieg taghha mal-intimat u tiddikjara divorzju skont il-ligi, kif ukoll sabiex dina l-Qorti tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fiz-zmien imholli ghal daqshekk mill-istess Qorti, javza' lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet u bl-ghazla tal-esponenti li tirriverti lura ghal kunjom xbubitha biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku skont il-ligi.

Rat id-dokumenti kollha illi gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tat-12 ta' Jannar, 2017;

Rat l-affidavit bix-xhieda tar-rikorrenti;

Rat in-nota tal-intimat tad-9 ta' Frar 2017 li permezz taghha ta ruhu b'notifikat bir-rikors promotur u bl-avviz tas-smigh u bl-atti kollha sussegwenti u iddikjara li ma jopponix ghat-talbiet kontenuti fir-rikors promotur;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti rat li r-rikorrenti irnexxielha tissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ippruvat illi l-partijiet ilhom legalment separati mill-1 ta' Settembru 2006;

Illi r-rikorrenti ippruvat ukoll illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' hlas ta' manteniment;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.